**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Novembru, 2017**

Kawza Numru: 23/2017MS

Go plc (C22334)

Vs

GGI Limited (C57457)

It-Tribunal

Ra' t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-20 ta'April 2017 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal li tordna lis-socjeta' intimata thallasha s-somma ta' tlett elef u hamsa u ghoxrin Euro u sitta u tletin centezmu (€3025.36) u dan dovuti bil-mod segwenti - €2157.96 servizz fuq il-kont numru 40444296 (rendikont u ftehim anness dok A u B), €272.94 servizz fuq il-kont numru 40444791 (rendikont u ftehim anness dok C u D) u €594.46 servizz fuq il-kont numru 404444808 (rendikont u ftehim anness Dok E u F).

Ra' illi fl-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal fl-14 ta' Lulju 2017, kien ghad jonqos in-notifika tas-socjeta intimata u l-kawza giet differita.

Ra' li fis-7 ta' Awwissu 2017, is-socjeta' intimata giet debitament notifikata bl-avviz tat-talba izda baqghet ma ressqet l-ebda risposta fit-termini preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta mizmuma quddiem dan it-Tribunal fit-2 ta' Novembru 2017.

Sema' l-provi;

Ra illi fis-seduta tat-2 ta' November xehdet Miriam Curmi, in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti fejn qalet illi parti sostanzjali tal-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut, izda qed jigi ridott ghal €2702.42 stante hlas fil-mori.

Ra’ illi Dr. Francienne Muscati iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Ra’ d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidra

Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand is-socjeta’ intimata, tas-somma ta’ €3025.36 kif ridotta ghal €2702.42 in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni provduti minnha lis-socjeta’ intimata.

Illi fis-seduta mizmuma nhar it-2 ta’ Novembru 2017, rapprezentanta tas-socjeta GO p.l.c., kkonfermat bil-gurament li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut, pero thallas parti minnu. Giet prezentata ukoll nota ta’ riduzzjoni.

Ikkunsidra

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380) jiprovdi esperssament fl-Art. 9 (2) li gudikatur

ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata’ sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;

Imbaghad l-Art 13(b) tal-istess Att jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut ……

Illi minn qari ta’ l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f’kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Tali dispozizzjoni naturalment m’ghandhiex tigi implimentata b’mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali.

Fil-kaz odjern, jidher li ghalkemm is-socjeta’ intimata giet debitament notifikata, la ressqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal u ghalhekk it-Tribunal m’ghandux il-konfort ta’ versjoni jew spjegazzjoni ohra li b’xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta rikorrenti m’ghandux mis-sewwa.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta rikorrenti rnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li l-socjeta' Konvenuta ma ressqet ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif ridotta u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €2702.42 bl-imghaxijiet legali kif mitluba mid-data tan-notifika tal-kawza. Spejjez a karigu tas-socjeta' intimata.

Dr Michela Spiteri LL.D
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*